MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Numru. 36/2001

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Paul Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Paul Borg, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 426654(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fit-23 ta’ Mejju, 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara diversi stereos tal-karozzi misruqa, mehduda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kulll mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Liema stereos kienu gejjin minn serq li huwa kkwalifkat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1000);

Talli fl-20 ta' Mejju, 2000 u fil-granet ta' qabel din id-data minghajr ma kien awtorizzat ghaldaqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi, taht ebda titolu jew b'ebda mod, ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lottu klandestin, ikun li jkun il-mod li bih u l-isem li tahtu sar, jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, u/jew b'xi mod li jkun ghin jew hajjar f'daqshekk;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu pussess mhux awtorizzat ta' zewg kotba bil-biljetti tal-lottu bil-mohbi;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tad-Direttur tal-Dipartiment tal-VAT akkuzat talli fit-23 ta' April, 2000 fil-fond 'Saddles Bar' Triq Blue Grotto, Zurrieq, gie misjub li kellu depozitat ghandu zewg ifliexken Vodka tal-litru tal-marka 'Smirnoff' u dan bi hsieb li jiffroda lill-gvern minn dazju li jkun imissu jithallas u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u /jew filli b'xi mod jiddisponi minn dan l-oggett. Liema xorb ghandu valur ta' LM2.80 dazju tal-importazzjoni LM0.22,7 u dazju tas-Sisa ta' LM8.40,0 liema dazju ma gewx imhallsa u/jew kawtelati. Dan bi ksur tal-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u l-Artikolu 16(j) u 17(a) tal-Att. XV1 tal-1995 dwar dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li tressqu;

Rat il-provi kollha u l-atti kollha ta' dan il-prodediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2002;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 334, 267, 278, 279, 280, 263, 264, 265, 266, 261 (a), 261 (b), 261 (c) tal-Kap. 9, l-Artikoli 11, 12, 13, 15 (a), 19, 12, 20 (a), 20 tal-Kap. 70 u l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), u 87 tal-Kap .37, l-Artikolu 16 u 17 (a), 26 tal-Kapitolu 382 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ma ghandux fedina penali netta u illi diga gie misjub hati illi laqa' ghandu hwejjeg misruqa.

Illi skond id-difiza l-imputat ikkopera bis-shih ma l-Awtoritajiet investigattivi u mal-pulizija, tant illi iffacilita x-xoghol tal-pulizija. Ghaldaqstant id-difiza issottomettiet illi l-Qorti ghandha tapplika l-provvediment tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9.

Izda minn ezami tal-istqarrija tal-imputat illi tinsab esebita a fol. 18, 19 u 20 tal-process jirrizulta illi f'diversi okkazzjonijiet l-imputat gideb lill-pulizija u fixkilhom fl-investigazzjoni taghhom. Mistoqsi dwar l-istereos u amplifiers tal-karozzi misruqin illi instabu ghandu, l-imputat ghal ewwel qal illi ma kienx jaf illi kienu gejjin minn serq, izda wara ammetta illi kien jaf illi kienu gejjin minn serq, izda baqa ma qalx min bieghhomlu sabiex il-pulizija tkun tista tressaq lil dawn in-nies il-Qorti. Mistoqsi dwar ix-xorb, ghall-ewwel qal illi xtrah minghand Piscopo ta' Rahal Gdid u li ma kellux ircevuta u kien biss wara li l-pulizija urewh li kienu jafu li x-xorb kien gej minn kuntrabandu illi l-imputat ammetta. Skond l-imputat xtara x-xorb minghand Gharbi ix-xatt fejn jidhol il-vapur tal-Gharab.

Illi certament ma jirrizultax illi l-imputat b'xi mod ghen lill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom anzi irrizulta illi ipprova ifixxkilhom, izda ma irnexxielux. Ghaldaqstant il-Qorti ma issib l-ebda raguni illi ghaliex ghandha tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 9.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-multa ta’ elfejn, hames mija u tmienja u erbghin lira (LM2,548) u ghal dak illi jirrigwarda ir-ricettazzjoni, peress illi tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut, u tara illi jkun ferm aktar ta’ beneficcju ghall-imputat jekk dan jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba, il-Qorti, filwaqt illi tilliberah, taghmel dan bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-oggetti kollha illi inqabdu mill-Pulizija f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------